MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 16/2012/1

Simonds Farsons Cisk plc

vs

Ivan Attard et

Illum il-Ġimgħa 19 ta’ Ottubru 2012

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta’ Noemi Attard tat-18 ta’ Jannar 2012.

Rat ir-Risposta tas-soċjeta’ intimat tas-7 ta’ Frar 2012.

Rat l-atti l-oħra tar-Rikors, inklużi d-dokumenti esebiti.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija proċedura taħt l-artikou 253(e) tal-Kap.12, fejn ir-rikorrenti qed tikkontesta l-akkwist ta' titolu eżekuttiv da parti tas-soċjeta' ntimata dwar l-ammont indikat fir-Rikors, u dan wara l-ittra uffiċċjali mibgħuta mill-istess soċjeta' ntimata lir-rikorrenti u terzi.

Ir-rikorrenti tikkontendi illi l-ammont ta' sebgħat elef, seba'mija u ħamsa u tletin euro (€7735), pretiż mis-soċjeta' ntimata rappresentanti sitt kambjali indikati fl-istess ittra uffiċċjali mhux dovut għal żewġ raġunijiet, u ċioe':

(i) għax għalkemm Noemi Attard hija firmatarja fuq il-kambjali esebiti ma' l-istess ittra uffiċċjali, dawn mhumiex diretti kontra tagħha, imma biss fil-konfront ta' terzi; u

(ii) għax hemm erbgħa kambjali minn dawk indikati li ma kienux għadhom immaturaw meta saret din l-ittra uffiċċjali, u għalhekk ma setax intalab l-import tagħhom.

Dwar l-ewwel ilment tar-rikorrenti presenti, jirriżulta minnu illi l-kambjali in kwistjoni huma kollha indirizzati biss lil Ivan Attard, għalkemm mhux kontestat li r-rikorrenti mbagħad iffirmat miegħu fuq kull waħda bħala *acceptor* ukoll. A tenur ta' l-artikolu 152(1) tal-Kodiċi Kummerċjali: "**Bl-aċċettazzjoni ta' kambjala, l-aċċettant jieħu fuqu l-obbligu li jħallas l-ammont tagħha, u ma jistax jiġi meħlus minn dan l-obbligu, għalkemm it-traent, jew dak li akkont tiegħu l-kambjala ġiet aċċettata, ikun, mingħajr ma kien jaf, falla qabel l-aċċettazzjoni tal-kambjala**." Kif ikkonfermat il-Qorti tal-Kummerċ: "…*secondo la pratica commerciale il rilascio di una cambiale accettata e' una cautela del pagamento sia perche' essa toglie al debitore la facolta' di contrastare la vendita o ritardare il pagamento, sia ancora perche' rende piu' facile la negoziazione del credito e costituisce per*

*cosi' dire il pagamento immediato del credito*.” [1] Għalhekk ġialadarba ir-rikorrenti iffirmat bħala aċċettant fuq il-kambjali in kwistjoni ma tistax issa taħrab mir-responsabilita’ tagħha tal-pagament *in solidum* mad-debitur prinċipali.

Dwar it-tieni lment tar-rikorrenti: irriżulta minnu illi meta ġiet intavolata l-ittra uffiċċjali in kwistjoni fil-5 ta’ Jannar 2012 kienu għadhom laħqu mmaturaw biss żewġ kambjali, u ċioe’ (i) dik għal elf u ħames mitt euro (€1500) maħruġa fl-1 ta’ Novembru 2010 u li kienet timmatura fit-30 ta’ Apil 2011, u (ii) dik għal elfejn mija seba’ u sittin euro (€2167) maħruġa wkoll fl-1 ta’ Novembru 2010 u li mmaturat fil-31 ta’ Ottubru 2011. Dan wara kollox kif tammetti l-istess soċjeta’ ntimata fir-risposta tagħha.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar dan ir-rikors billi, filwaqt illi tilqa’ biss *in parte* t-talba tar-rikorrenti Noemi Attard:

(i) tiddikjara lill-istess rikorrenti Noemi Attard responsabbli flimkien ma’ Ivan Attard għall-kambjali minnha aċċettati, u

(ii) tikkonferma t-titolu eżekuttiv tas-soċjeta’ Simonds Farsons Cisk plc. pero’ limitatament fuq (a) dik għal elf u ħames mitt euro (€1500) maħruġa fl-1 ta’ Novembru 2010 u li kienet timmatura fit-30 ta’ Apil 2011, u (b) dik għal elfejn mija seba’ u sittin euro (€2167) maħruġa wkoll fl-1 ta’ Novemrbu 2010 u li mmaturat fil-31 ta’ Ottubru 2011, filwaqt illi tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali l-oħra ndikati fl-ittra uffiċċjali in kwistjoni.

L-ispejjeż ta’ din il-proċedura, fiċ-ċirkostanzi, jitħallsu kwantu għal żewġ terzi (2/3) mis-soċjeta’ ntimata u terz (1/3) mir-rikorrenti Noemi Attard.

**< Sentenza Finali >**

[1] Qorti tal-Kummerc: Domenico Cassar vs Paolo Scicluna noe.: 24.01.1907

---------------------------------TMIEM---------------------------------